**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Victor Buttigieg**
**(ID 474072(M))**

**Kawża Nru: 78/2012**

**Illum: 26 ta' Ottubru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Victor Buttigieg** ta' 39 sena, iben Anthony u Emanuela nee` Zammit, imwieled il-Pieta` nhar id-9 ta' Settembru 1972, u joqgħod fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 474072(M);

Akkużat talli fl-24 ta' Frar 2011 u fi żminijiet qabel f'dawn il-Gżejjer:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina, speċfikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li

d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Frar 2012;

Rat ukoll illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), datat 20 ta' Jannar 2012, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti, semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-istess difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat:

1. **Josephine Agius**, Deputat Reġistratur, esebiet proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke dwar "*Sejba ta' trab kannella erojina fuq il-persuna ta' Emmanuela Buttigieg, detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 372633(M) bhala visitatrici fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin nhar l-24*

[1] Ara a fol. 11 tal-proċess.

*ta' Frar, 2011*". Mill-istess proċess verbal jirriżulta illi l-Maġistrat Inkwirenti ħatret lill-Ispiżjar Mario Mifsud, lil Dr. Martin Bajada u lil PS 644 Evan Camilleri bħala *Scene of Crime Officer*[2], sabiex jassistu f'din l-inkjesta;

2. **PS 1257 Conrad Ellul** jixhed illi nhar l-24 ta' Frar 2011 għall-ħabta tal-10.00 a.m., kien ġie infurmat li kien instab xi trab suspettuż ġewwa l-ħabs u għalhekk mar fuq il-post u hemmhekk sab anzjana ta' 78 sena, ċerta Emanuela Buttigieg, ġewwa s-Sezzjoni tad-Debituri. Huwa tkellem ma' WCO 28 u ma' Buttigieg, li qaltlu li kienet ilha ma tuża l-ġakketta għal dawk l-aħħar erba' snin u huwa ħejja rapport, li ġie esebit minnu bħala Dok. CE.[3]

   Mill-istess rapport jirriżulta illi wara li l-pulizija ġiet infurmata bis-sejba ta' pakkett bi trab kannella, huma marru fuq il-post u hemmhekk irriżulta illi mara ta' 78 sena kienet dieħla tagħmel viżta ma' binha, ċertu Victor Buttigieg, u illi meta saritilha tfittxija minn WCO 28 Therese Agius, fil-but tax-xellug tal-ġakketta tal-ġilda tagħha, instab qartas żgħir bi trab kannella. Meta ġiet mitkellma mill-pulizija, Emanuela Buttigieg sostniet illi hija ma kinitx taf x'kienet din is-sustanza, kif ukoll illi l-ġakketta kienet fil-gwardarobba tagħha u kienet ilha ma tilbisha xi erba' snin. Dakinhar libsitha u marret tara lil binha.

   **In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid illi Buttigieg qaltlu li kienet daħlet il-ħabs sabiex tara lil binha.[4]

3. **WCO 28 Therese Agius** tixhed illi nhar l-24 ta' Frar 2011, għall-ħabta tal-9.45 a.m., hija daħħlet anzjana għal tfittxija fil-kamra fejn isiru t-tfittxijiet, stante li din kienet ser tagħmel viżta lil binha, Victor Buttigieg. F'but żgħir tal-ġakketta li kienet liebsa, sabet borża żgħira tal-plastik. Dak il-ħin, hija staqsiet lil CO 14 Victor Agius x'kienet din il-borża, dan xammha u ma kellimha xejn u għalhekk hija żammitha f'idha, filwaqt li daħħlet lill-anzjana għall-viżta. Ix-xhud tgħid illi meta hija staqsiet lill-anzjana dwar din il-borża, din weġbitha illi ħasbitha domna. Sussegwentement, uriet din il-borża lill-Maġġur Frans, li qalilha sabiex toħroġ lill-anzjana mill-viżta. Dak il-ħin il-viżta kienet ilha għaddejja xi ħames minuti. Magħha waqt il-viżta kien hemm bintha u binha li kien miżmum il-ħabs, Victor Buttigieg, ossia l-imputat odjern. Tgħid ukoll illi dak il-ħin hija ma ndunatx x'kien l-oġġett in kwistjoni għaliex għalkemm ġieli sabet droga waqt tfittxijiet li għamlet, din kienet differenti. Tgħid illi ma kinitx l-ewwel darba li l-

[2] Ara r-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri fl-atti tal-proċess verbal, a fol. 48 *et seq* tal-proċess.
[3] Ara dan ir-rapport a fol. 73 u 74 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 69 sa 72 tal-proċess.

anzjana għamlet viżti mal-imputat, u kienet taf li kienet ommu iżda ma kinitx taf x'jisimha. Dwar il-ġakketta in kwistjoni, hija tgħid li din kienet tal-ġilda kannella, iżda ma ftakritx jekk l-anzjana għamlitx viżti oħrajn biha. B'referenza għar-ritratti bir-referenza FS 110402 104 u FS 110402 105, formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri[5], ix-xhud tgħid illi l-oġġett fir-ritratt kien simili għall-pakkett li hija sabet fil-ġakketta tal-anzjana.[6]

4. Mir-relazzjoni tal-espert **l-Ispiżjar Mario Mifsud**, ikkonfermatha minnu fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri[7], jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analizi tiegħu konsistenti fis-segwenti:

   *Envelope* tal-Gvern ta' Malta, li kien issiġillat u li fuq barra tiegħu kien hemm il-kliem "*3/E/496/2011, Magt. Dr. D. Clarke LL.D., small plastik bag with brown powder 24.2.11, Emanuela Buttigieg, ID 327633(M)*". F'dan l-*envelope* kien hemm borża żgħira tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm trab ta' lewn kannella.

   Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fit-trab ta' lewn kannella li kien fil-borża żgħira tal-plastik trasparenti, f'ammont nett totali ta' 0.13 grammi, instabet is-sustanza eroina. Il-purita` tat-trab kannella għas-sustanza eroina kienet ta' ċirka 34.6%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[8]

5. **L-ex Maġġur Frans Agius** jixhed illi huwa kien stazzjonat id-Debituri meta daħlet anzjana, ċerta Manwela Buttigieg, sabiex tagħmel viżta u saritilha tfittxija. Jgħid illi wara li Buttigieg diġa` kienet daħlet għal viżta ma' binha Victor, WCO 28 Therese Agius urietu pakkett kannella żgħir li kienet sabet fil-but tal-ġakketta ta' Buttigieg, u hu informa b'dan lill-awtoritajiet u għadda l-pakkett lill-pulizija. Jgħid ukoll illi l-viżta ta' Buttigieg ġiet imwaqqfa u ttieħdet ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid. Jgħid ukoll illi lilu, Buttigieg kienet qaltlu li ma kinitx taf bl-oġġett misjub.

---

[5] Ara dawn ir-ritratti a fol. 52 tal-proċess.

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 82 sa 95 tal-proċess. Mill-atti tal-proċess verbal, jirriżulta wkoll illi l-istess WCO 28 Therese Agius irrilaxxjat stqarrija lill-pulizija nhar is-6 ta' Marzu 2011 (ara a fol. 43 u 44 tal-proċess), liema stqarrija sussegwentement ġiet ikkonfermatha minnha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar it-30 ta' Marzu 2011 (a fol. 45 u 46 tal-proċess). Ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri hija bażikament ripetizzjoni ta' dak li tgħid fl-istqarrija tagħha, b'dan illi fl-istess stqarrija żżid tgħid illi hija daħħlet lill-anzjana għall-viżta għaliex ma kinitx taf li dik li sabet kienet droga u ma daħlilhiex suspett u fix-xhieda tagħha żżid ukoll illi ma ġihiex suspett anke għaliex il-mara kienet anzjana.

[7] Ara a fol. 97 u 98 tal-proċess.

[8] Ara din ir-relazzjoni a fol. 32 *et seq* tal-proċess.

**In kontro-eżami**, ix-xhud jikkonferma illi l-oġġett in kwistjoni kien instab minn WCO 28 fil-ġakketta li kienet liebsa Buttigieg u dan skont dak li kienet qaltlu l-istess WCO 28, stante li dak il-ħin huwa ma kienx preżenti. Ix-xhud ma kienx jaf jgħid jekk ma' Buttigieg kienx hemm persuna oħra li daħlet sabiex tagħmel il-viżta.[9]

6. **L-Ispettur Spiridione Zammit** jixhed illi fl-24 ta' Frar 2011 għall-ħabta ta' l-10:00 a.m., il-Pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid ġew infurmati mill-*control room* tal-ħabs illi kien instab xi trab kannella suspettat eroina fuq il-persuna ta' anzjana, viżitatur fil-ħabs, li sussegwentement irriżulta li kienet Manuela Buttigieg ta' 79 sena. Huwa jgħid illi PS 1257 Conrad Ellul kien mar fuq il-post u minn investigazzjoni preliminari rriżulta li ftit tal-ħin qabel, WCO 28 Therese Agius kienet sabet borża tal-plastik żgħira b'xi trab kannella fil-ġakketta tal-ġilda li kienet liebsa Manuela Buttigieg. Skont ix-xhud, Buttigieg dakinhar kien ser ikollha viżta' ma' binha l-imputat Victor Buttigieg, li dak iż-żmien kien priġunier ġewwa l-ħabs. Jgħid ukoll illi huwa kien informa b'dan lill-Maġistrat tal-Għassa, Dr. Doreen Clarke, li ħatret l-esperti u huwa kien interroga lil Manuela Buttigieg. Jgħid ukoll illi kien ġie stabbilit illi l-istess Manuela Buttigieg kienet fil-kumpanija ta' bintha Rosanne Caruana u illi wara li WCO 28 sabet l-imsemmi oġġett fil-pussess ta' Manuela Buttigieg, l-istess Buttigieg u bintha Rosanne tħallew jagħmlu l-viżta mal-imputat, liema viżta ġiet ikkanċellata wara li ġie nfurmat b'dan kollu l-Maġġur Agius. Jgħid illi kien irriżultalu illi WCO 28 Therese Agius ħalliet lill-anzjana tagħmel il-viżta wara li sabet l-oġġett in kwistjoni, iżda meta kellmet lill-Maġġur Agius dwar dan, huwa qalilha li l-oġġett in kwistjoni seta' kien droga u għalhekk il-viżta ġiet ikkanċellata. Ix-xhud jirreferi għal dak li stqarret Buttigieg fl-istqarrija rilaxxjata minnha u ċioe` illi hija ma kinitx taf x'kien l-oġġett misjub, illi l-ġakketta kienet fil-gwardarobba tagħha u li dik kienet l-unika darba li libsitha, kif ukoll illi l-imputat qatt ma talabha sabiex iddaħħallu d-droga fil-ħabs. Jgħid in oltre illi huwa kien ordna illi t-telefonati tal-imputat jieqfu fid-dawl tal-investigazzjoni li kienet għaddejja, u kien interroga ukoll lil Rosanne Caruana. Jgħid ukoll illi kienu ntalbu *recordings* ta' telefonati għall-perjodu bejn it-18 ta' Frar u l-24 ta' Frar u kienu ġew eżaminati t-telefonati. Jixhed in oltre illi kienu saru xi verifiki dwar xi numri ta' *mobile phones*, iżda n-numri ta' Manuela Buttigieg u ta' Rosanne Caruana ma kinux fost dawn in-numri fil-perjodu taż-żmien in kwistjoni. Ix-xhud kien ottjena stqarrija wkoll mingħand l-imputat odjern, u dan wara li l-istess imputat għażel li ma jieħux parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu. Jixhed ukoll illi sakemm ittieħdu proċeduri dwar il-każ, Manuela Buttigieg mietet u illi ttieħdu l-proċeduri odjerni fil-

[9] Ara din ix-xhieda a fol. 99 sa 105 tal-proċess.

konfront tal-imputat fid-dawl ta' dak li huwa kien stqarr fl-istqarrija rilaxxjata minnu in konnessjoni ma' dan il-każ. Ix-xhud esebixxa riċevuta tal-ġakketta in kwistjoni maħruġa lil Rosanne Caruana[10], ir-rapport tal-pulizija dwar il-każ[11], stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar is-26 ta' Frar 2011[12], stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-30 ta' Lulju 2011[13], dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Investigattiv (ossia tal-istess xhud) datata 26 ta' Frar 2011, li l-imputat ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu li seta' jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, iżda għażel li jirrifjuta dan id-dritt, iffirmatha *inter alia* mill-istess imputat[14], dikjarazzjoni oħra fl-istess sens datata 30 ta' Lulju 2011[15], u sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Raymond Cassar) vs Victor Buttigieg'[16].

**In kontro-eżami** x-xhud jixhed illi waqt l-interrogatorju tal-imputat, il-ġakketta in kwistjoni kienet fil-pussess tiegħu, iżda ma jidhirlux illi huwa talab lill-istess imputat sabiex jilbisha sabiex jara jekk tiġihx u lanqas ma ta każ, fuq għajnejh, jekk fil-fatt din kinitx tiġih. Lanqas ma ta każ jekk din il-ġakketta kinitx ġakketta tan-nisa jew tal-irġiel. Mistoqsi dwar dan, huwa ma ftakarx jekk fiż-żmien in kwistjoni l-imputat kienx joħroġ mill-ħabs kuljum fuq xogħol.[17]

7. **Dr. Martin Bajada** jixhed illi huwa kien ġie maħtur fil-mori tal-inkjesta sabiex jiġbor *telephone filtered calls* li saru [mill-imputat ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin] bejn il-21 ta' Frar 2011 u l-24 ta' Frar 2011 u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu.[18] Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi f'dan il-perjodu, l-imputat għamel tmintax-il telefonata, mil-liema r-reġistrazzjoni ta' disa' telefonati ma kinitx disponibbli minħabba ħsara teknika fl-apparat tar-reġistrazzjoni, u fir-rigward tad-disgħa l-oħra, waħda kienet lill-Avukat Dr. Gatt, oħra lil persuna maskili, u seba' lil persuna femminili li mit-telefonati jidher li kienet s-sieħba tal-imputat. Jirriżulta wkoll illi t-telefonata lill-persuna maskili kienet dwar appuntament għat-Tlieta fl-10.30, u t-telefonati lill-persuna femminili kienu dwar xiri ta' *slipper*, CDs u ħwejjeġ u dwar it-tifel tal-persuna in kwistjoni. Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi minn informazzjoni miksuba mill-*Control and Monitoring Unit* tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, sitt telefonati saru lejn

[10] Ara a fol. 125 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 126 u 127 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 128 sa 130 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 131 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 132 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 133 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 113 *et seq* tal-proċess.
[17] Ara din ix-xhieda a fol. 107 sa 112 tal-proċess.
[18] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 136 *et seq* tal-proċess.

in-numru 9903 5833, żewġ telefonati lin-numru 21 661450 u telefonata oħra lil numru mhux magħruf.

Illi da parti tagħha, id-difiża ma ressqitx provi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fis-26 ta' Frar 2011 u fit-30 ta' Lulju 2011 rispettivament. Jirriżulta mill-atti illi dawn l-istqarrijiet ġew rilaxxjati minnu wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata l-jedd illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorji tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx, iżda mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorji u dan għaliex fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata b'dan id-dritt. Fil-fatt dan il-jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016. Għal din ir-raġuni, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha d-difiża ssostni li l-istqarrijiet tal-imputat huma inammissibbli bħala prova u dan filwaqt illi għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kostituzzjonali li ġew indikati minnha fl-istess nota tagħha.

Illi dwar dan il-punt il-Qorti taqbel mad-difiża u qed tqis bħala inammissibbli l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputat. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Huwa evidenti illi fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għalih. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrijiet meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrijiet.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina u dan b'referenza għall-24 ta' Frar 2011 u ż-żminijiet ta' qabel din id-data.

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, omm l-imputat, ċerta Emanuela Buttigieg, daħlet fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tagħmel viżta lil binha, l-imputat odjern, li dak iż-żmien kien qiegħed jinżamm fl-istess Faċilita` u waqt tfittxija fuq il-persuna tagħha, fil-ġakketta li kienet liebsa, instab pakkett tal-plastik li kien jikkontjeni trab bid-droga eroina illi skont ir-relazzjoni tal-espert, l-Ispiżjar Mario Mifsud, kellu piż ta' 0.13 grammi.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, illi sakemm ittieħdu proċeduri in konnessjoni mal-każ odjern, l-istess Emanuela Buttigieg mietet. Jirriżulta wkoll mill-istess xhieda illi l-imputat ġie addebitat bir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni unikament fid-dawl ta' dak li huwa kien stqarr fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar is-26 ta' Frar 2011.

Fil-fatt il-Qorti tinnota illi skartata din l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, ma jibqa' l-ebda prova fl-atti li turi illi d-droga eroina in kwistjoni kienet fil-pussess tal-imputat dakinhar tal-24 ta' Frar 2011 jew f'xi żmien qabel din id-data. Kif ingħad, nhar l-24 ta' Frar 2011, id-droga attwalment instabet fil-pussess ta' ommu, Emanuela Buttigieg meta din marret sabiex iżżuru ġewwa l-ħabs. In kwantu dak li seta' seħħ fiż-żminijiet ta' qabel din id-data, il-Qorti tinnota illi għalkemm fis-seduti tal-21 ta' Mejju 2018 u tal-11 ta' Lulju 2018, il-Prosekuzzjoni wriet l-intenzjoni tagħha illi tesebixxi l-ġakketta in kwistjoni, din baqgħet ma ġietx esebita, bir-riżultat illi lanqas ma jirriżulta jekk din il-ġakketta kinitx waħda tal-irġiel jew tan-nisa, kif wara kollox lanqas ma jirriżulta illi minkejja li l-istess ġakketta kienet milbusa minn Emanuela Buttigieg, din kienet fil-fatt tappartjeni lil binha, l-imputat odjern, jew inkella u iżjed importanti minn hekk, illi l-istess droga kienet fil-fatt f'xi żmien qabel l-24 ta' Frar 2011, fil-pussess tal-istess imputat. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi lanqas ma jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-imputat ittenta jiġi fil-pussess tal-istess droga b'xi ftehim mal-istess Emanuela Buttigieg sabiex din tal-aħħar iddaħħallu d-droga waqt il-viżta fil-ħabs. Mir-reġistrazzjoni tat-telefonati li għamel l-imputat mill-ħabs bejn il-perjodu tat-21 ta' Frar 2011 u l-24 ta' Frar 2011, lanqas ma jirriżulta illi l-istess imputat kien ċempel lil ommu jew lil oħtu fil-jiem in kwistjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

Konsegwentement, lanqas ma jista' jirriżulta l-addebitu tar-reċidiva mertu tat-tieni imputazzjoni.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Victor Buttigieg** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom.

Għaldaqstant, mhijiex tordna l-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta da parti tal-istess imputat, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita mar-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur, li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat